IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2019
COM(2019) 32 final

2019/0022 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

(Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR) u Direttiva MiFID II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE sabiex jinkorpora r-Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFiR, Markets in Financial Instruments Regulation) u d-Direttiva MiFID II[1] fil-Ftehim ŻEE.

L-adattamenti li jidhru fl-abbozzi tad-Deċiżjonijiet annessi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jmorru lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu bħala sempliċiment adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha għalhekk tiġi stabbilita mill-Kunsill.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jestendi l-politika tal-UE diġà eżistenti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda, u l-Liechtenstein).

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni tiegħu fil-Ftehim ŻEE, titwettaq f'konformità mal-għanijiet u mal-prinċipji ta' dan il-Ftehim li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġena, ibbażata fuq regoli komuni u kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni li se tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94[2] dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet bħal dawn, wara proposta mill-Kummissjoni.

Is-SEAE flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni jibagħtu l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Is-SEAE jittama li jkun fil-qagħda li jippreżentahom fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, mill-ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54.

Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, mill-ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116.

[2] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8.

L-għan ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess tal-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jitwettaq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li ttieħed.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiżgura l-implimentazzjoni u t-tħaddim effettiv tal-Ftehim ŻEE. Għal dan il-għan, għandu jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit mistennija bħala riżultat tal-inkorporazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq fil-Ftehim ŻEE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikoli 11 sa 13 u l-Artikolu 41(2) – Valutazzjoni prudenzjali ta' akkwirenti proposti mhux residenti (Dikjarazzjoni konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt) u trattament l-iktar favorit għall-impriżi taż-ŻEE (adattament (f) b'rabta mad-Direttiva 2014/65/UE)

Fil-prinċipju, l-objettiv tal-Ftehim ŻEE mhuwiex li jirregola r-relazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti ma' pajjiżi terzi (ara b'mod partikolari s-16-il premessa tal-Preambolu tal-Ftehim ŻEE). Il-Ftehim ŻEE ma jipprevedix il-liberalizzazzjoni tal-flussi ta' kapital u lanqas ma jikkonferixxi drittijiet lil persuni mhux residenti f'dak li jirrigwarda l-libertà tal-istabbiliment jew il-parteċipazzjoni fil-kapital ta' impriżi (ara l-Artikoli 31, 34, 40 u 124 tal-Ftehim ŻEE).

Konsegwentement, id-Dikjarazzjoni konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tgħid li l-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE fil-Ftehim ŻEE tkun bla preġudizzju għar-regoli nazzjonali tal-applikazzjoni ġenerali b'rabta mal-kontroll tal-investiment dirett barrani għall-finijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku.

L-adattament (f) jiċċara wkoll li l-impriżi ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod iktar favorevoli minn impriżi taż-ŻEE jekk awtorizzati minn awtorità nazzjonali kompetenti (ANK) jew awtorità nazzjonali settorjali.*Derogi għal strumenti ta' ekwità (adattament (g) b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 600/2014)*

L-Artikolu 4(4) tal-MiFIR jipprevedi li l-ESMA għandha tissorvelja l-applikazzjoni tad-derogi mogħtija mill-ANK, u tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni. Peress li l-ESMA se tkun ukoll kompetenti għall-kontroll tal-applikazzjoni tad-derogi fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, l-adattament (g)(i) jiżgura li l-ESMA tippreżenta wkoll ir-rapport annwali tagħha lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex din tkun tista' teżerċita l-funzjoni ta' sorveljanza tagħha skont l-Artikolu 109 tal-Ftehim ŻEE.

Barra minn hekk, id-data cut-off għad-derogi, mogħtija mill-ANK tal-Istati tal-EFTA li huma membri taż-ŻEE skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ qabel il-MiFIR u li jridu jiġu eżaminati mill-ġdid mill-ESMA sa mhux iktar tard mit-3 ta' Jannar 2019 konformement mal-Artikolu 4(7) tal-MiFIR, hija modifikata mill-adattament (g)(ii) biex jittieħed kont tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-MiFIR fil-kuntest taż-ŻEE.

Notifiki ta' nonparteċipazzjoni miċ-ċentri tan-negozjar (adattament (i) b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Skont l-Artikolu 36(5) tal-MiFIR, ċentru tan-negozjar għandu jinnotifika lill-ESMA u lill-ANK tagħha jekk ma jkunx jixtieq jintrabat mill-Artikolu 36 f'dak li għandu x'jaqsam ma' derivattivi negozjati fil-borża.

Fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija l-awtorità superviżorja kompetenti u għandha tirċievi n-notifiki tagħhom. L-adattament (i)(i) għalhekk jaġġusta t-test tal-Artikolu 36(5) tal-MiFIR skont dak.

Sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza ta' informazzjoni dwar is-suq intern estiż għall-operaturi kollha taż-ŻEE, l-adattament (i)(ii) jistipula li l-ESMA għandha tinkludi wkoll fuq il-lista tagħha ta' pubblikazzjoni n-notifiki rċevuti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Obbligu li tingħata liċenzja lill-punti ta' riferiment ġodda (adattament (j) b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE, huma biss l-atti li ġew inkorporati fil-Ftehim ŻEE li huma vinkolanti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA. Għaldaqstant, l-obbligu li tingħata liċenzja lill-punti ta' riferiment ġodda żviluppati wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-MiFIR jista' għalhekk japplika biss mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tinkorpora r-Regolament fil-Ftehim ŻEE. L-adattament (j)(i) jaġġusta t-test tal-Artikolu 37(2) skont dak.

Barra minn hekk, l-adattament (j)(ii) jibdel ir-riferimenti għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE b'rabta mar-regoli tal-kompetizzjoni billi jissostitwixxihom bl-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE, li jikkostitwixxu l-qafas legali ta' riferiment komuni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE.

2019/0022 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

(Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR) u Direttiva MiFID II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[4] (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] iridu jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

---

3 ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

4 ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, mill-ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54.

6 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, mill-ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President